**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-5 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors Kongunt nru: 416/18 AGV**

A u B

Vs

X

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijietipprezentat fl-14 ta' Settembru, 2018 li , permezz tieghu ppremettew u talbu s-segwenti:-

Illi huma sseparaw bonarjament minn xulxin permezz , ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Clinton Bellizzi fis-26 ta' Lulju, 2018, Dokument B hawn anness.

Illi miz-zwieg taghhom il-kontendenti kellhom zewgt itfal u cioe' C li twieldet fl-1 ta' Ottubru, 1995 u D li twieldet fis- 27 ta' April, 1998 u allura t-tnejn li huma maggorenni u l-ebda wahda m'hi qed tistudja full-time sabiex ma hemm l-ebda manteniment dovut lill-ulied kif ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-partijiet lil xulxin billi kien hemm rinunzja

reciproka ghall-istess dritt, kollox kif indikat mill-kuntratt ta' separazzjoni personali , Dokument B.

Illi l-kontendenti, qabel ma gie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni personali Dokument B kienu ilhom jghixu mhux flimkien ghal izjed minn erba' snin u cioe' minn Jannar tas-sena 2013, kif ukoll minnhom indikat fil-klawsola 13 , tal-kuntratt ta' separazzjoni, Dokument B.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom, stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin , u hekk determinati li jibqghu , it-tnejn li huma.

Illi dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, umilmen tjitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjon inecessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghaldaqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex dan il-hall jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Ra l-affidavits tal-partijiet.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom *de facto*s separati ghal aktar minn erba' snin u cioe' minn Jannar tas-sena 2013 u sseparaw legalment fis-26 ta' Lulju, 2018 b'kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar

Dr.Clinton Bellizzi. Illi r-rikorrenti ppruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**